Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Simon Galea)

vs

Jason Cassar

Illum 21 ta’ Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Jason Cassar, iben Alfred u Iris nee Goodlip, imwieled Pieta fis-17 ta' Mejju, 1970 u detentur ta’ karta tal-identita Nru 235370(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

Talli f’Hal-Balzan fit-2 ta’ Gunju, 2000 filghaxija b’mezzi xort’ohra minn dawk specifikatament imsemmija fil-kodici kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament karozza tat-tip Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni LAM368 proprjeta ta' Silvana Attard ID 542284 M, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira (LM50) izda inqas minn elf lira Maltija (LM1,000). U dan kollu bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza kiser volontarjament il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-2 ta' Gunju tas-sena 2000 certa Silvana Attard ghamlet rapport lill-pulizija illi fil-perjodi illi jidher fl-imputazzjoni hija kienet residenti f'Dar Merhba Bik, Hal-Balzan fis-sens li certa Josephine Camilleri li kienet tahdem bhala helper fid-dar Merhba Bik kienet ghadha kif infurmata illi certu Jason Cassar, l-imputat fuq imsemmi, illi jigi r-ragel ta' Josephine Cassar illi kienet ukoll residenti Dar Merhba Bik fl-istess perjodu kien ghadu kif ghamel xi hsara fuq il-vettura taghha tal-ghamla Peugeot 205.

Illi l-imputat fuq imsemmi gie interrogat mill-pulizija u huwa stqarr mal-pulizija illi fit-2 ta' Gunju, 2000 kien mar Dar Merhba Bik biex ikellem lill-mara tieghu Josephine Cassar u lil certa Silvana Attard sabiex jiccara xi informazzjoni li kienet waslitlu minghand it-tfal tieghu fis-sens illi Silvana Attard kienet geghlet lit-tfal tieghu jisirqu xi affarijiet minn xi supermarket. L-imputat fuq imsemmi kompla jghid lill-pulizija illi kemm Josephine u kif ukoll Silvana Attard ma riedux ikellmuh u huwa u sejjer lura f'mument ta' rabja ta' daqqa ta' ponn fuq il-windscreen ta' wara Silvana Attard.

Illi xehdet Josephine Camilleri illi tahdem bhala Care Worker mad-Dar Merhba Bik u qalet illi fit-2 ta' Gunju tas-sena 2000 kienet rat lill-imputat fuq imsemmi illi irriversja bil-vettura tieghu ghal gol-vettura ta' Silvana Attard. Hija semghet it-tkissir tal-hgieg tal-windscreen ta' wara tal-vettura ta' Silvana Attard u meta semghet il-hoss daret u rat lill-imputat illi rega dahal fil-vettura tieghu u saq. Hija meta harset rat il-hgieg mal-art.

Illi xehdet Silvana Attard u qalet illi lill-imputat fuq imsemmi qatt ma kienet ratu jew kellmitu. Hija xehdet li kienet marret taghmel rapport l-ghassa ta' Birkirkara dwar dak illi kien gara. Hija ma ratx l-incident jigri. Kienet marret ghand tal-Peugeot illi kienet ghamlulha stima tal-hsarat li kienet soffriet. In kontro-ezami ix-xhud qalet illi meta harget mat-tfal tas-Sinjuri Cassar hija dejjem harget maghhom fil-prezenza ta' ommhom. Rarament pero' gieli kienu imorru jixtru flimkien. Hija xehdet ukoll illi seta kien il-kaz illi ftit granet qabel dan l-incident kienu marru jixtru minghand il-grocer, pero' ma ftakritx.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi l-incident in kwistjoni kien b'konsegwenza ta' xi haga li kienu qalulu uliedu u cioe' illi Silvana Attard kienet qabdet lit-tfal tieghu jisirqu xi haga minn Supermarket. L-imputat xehed illi f'dan

il-perjodu partikolari kien qieghed jipprova jikkommunika mad-Dar Merhba Bik sabiex jara x'seta jaghmel dwar din il-problema.

Illi xehdet mart l-imputat Josephine Cassar u qalet illi fiz-zmien tal-incident in kwistjoni kienet residenti Merhba Bik fejn kien hemm ukoll residenti certa Silvana Attard. Josephine Cassar kompliet tixhed illi kien inqala incident illi fih zewgha kien ta' daqqa ta' ponn fuq il-windscreen ta' wara tal-vettura ta' Silvana Attard. Hija saret taf b'dan kollu dakinhar stess li inqala l-incident. Ix-xhud kompliet tghid illi dan l-incident gie ikkagunat u ipprovokat minn xi haga illi kienet grat u cioe' illi kienu qeghdin id-Dolphin Supermarket hi u t-tfal taghha, Silvana u t-tfal ta' Silvana. Ix-xhud kompliet tghid illi uliedha kienu qalulha u Silvana kienet anke ammettiet maghha illi kienet geghlet lit-tfal taghha u dana sabiex ticcajta sabiex jisirqu xi haga minn fuq is-shelves tas-Supermarket. Ix-xhud kompliet tghid illi hija saret taf b'dan kollu wara l-incident u dana peress illi fiz-zmien in kwistjoni t-tfal ma kienu qalulha xejn peress li kienu imbezzghin. Hija kompliet tixhed ukoll li uliedha kienu qalulha li kienu raw ukoll lit-tfal ta' Silvana jisirqu xi haga. Ix-xhud kompliet tixhed illi darba minnhom kienu Merbha Bik hi u Silvana bit-tfal taghhom u meta t-tfal tax-xhud kienu jaghmlu xi haga din Silvana kienet taqbad u

toffendihom b’missierhom u x-xhud kienet twaqqafha. It-tifel il-kbir jghid lil Silvana lill-missieri issemmihx. Kull meta din Silvana kienet issikket lit-tfal tax-xhud u tiddixxiplinhom b’xi mod kienet dejjem tispicca tinsulenthom jew tghajjarhom b’missierhom.

Illi xehdet omm l-imputat u qalet illi fiz-zmien in kwistjoni, fiz-zmien illi jirrigwarda din l-akkuza, hi u binha l-imputat kienu qeghdin jippruvaw jikkuntattjaw lis-soru tad-Dar Merhba Bik sabiex jghidulha x’kien qieghed jigri u cioe’ illi Silvana Attard, illi kienet ukoll residenti Merhba Bik kienet qeghda tkellem lit-tfal tal-imputat b’mod hazin. Kienet tghidilhom kliem dispreggattiv fil-konfront ta’ missierhom, l-imputat. Hin minnhom ix-xhud irnexxielha tkellem lis-sister li kienet qaltilha li kienet ser tara x’ser tipprova taghmel. Pero’ ma danakollu t-tifel tal-imputat kompla jghid lix-xhud illi Silvana kienet ghadha qeghda titkellem b’mod oxxen b’referenza ghall-imputat. Kien ghalhekk illi hi u l-imputat kienu marru ikellmu lill-Madre ta’ Dar Merhba Bik. Pero’ meta marru ikellmuha ma kienux sabuha u ghalhekk spiccaw ma kellmuhiex.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni tieghu stess kemm fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizja, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri, l-imputat huwa hati tar-reat in kwistjoni u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll il-fatt illi meta ikkommetta r-reat in kwistjoni kien qieghed jagixxi taht rabja kbira u dana peress illi Silvana Attard kienet geghlet lill-uliedu jisirqu xi affarijiet minn Supermarket, kif ukoll kienet kontinwament tinsulentahom billi tirreferi ghal missierhom, jigifieri ghall-imputat b'mod dispreggattiv ferm. Ulied l-imputat kienu gharrfu lill-missierhom b'dan kollu u ghalhekk l-imputat kien irrabbjat ferm dwar dak illi kienet ghamlet Silvana Attard.  L-imputat kien mar sabiex jipprova ikellem kemm lill-martu kif ukoll lil Silvana Attard dwar din il-kwistjoni sabiex Silvana Attard tieqaf mill-agir taghha, pero' ma irnexxielux ikellimhom u kien ghalhekk illi ghamel dak illi ghamel f'mument ta' rabbja.

Illi l-Qorti pero' minkejja illi tifhem l-istat mentali tal-imputat fil-mument illi gie kommess ir-reat, ma tista qatt taccetta dan l-agir tieghu. Madanakollu l-Qorti tara illi f'dawn ic-cirkostanzi kollha, piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-

akkadut u ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap. 152 u tordna lill-hati sabiex ihallas id-danni ghall-hsara illi ikkaguna fil-vettura ta' Silvana Attard, liema danni u hsarat jammontaw ghas-somma ta' tlett mija hamsa u erbghin lira u disa' u tmenin centenzmu (LM345.89), b'dana pero' illi ma ghandu jitnaqqas l-ebda jedd ta' Silvana Attard sabiex tigbor kull ammont akbar dovut lilha b'xi mod iehor.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija fissret lill-hati bi kliem car illi jekk jaghmel reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni ikun jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur